32003D0164

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' l-10 ta' Marzu 2003

temenda d-Deċiżjoni 1999/466/KE li tistabilixxi l-istatut uffiċjali ħieles mill-bruċellosi tal-merħla bovini ta' xi Stati Membri jew reġjuni ta' l-Istati Membri

(mgħarraf fid-dokument numru K(2003) 731)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2003/164/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE tas-26 ta' Ġunju 1964 fuq problemi ta' saħħa ta' l-annimali li jaffettwaw kummerċ ta' annimali bovini u majjali fil-Komunità [1], kif l-aħħar emendata bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nr 1226/2002 [2], u partikolarment bl-Anness A (II)(7) tiegħu,

Billi:

(1) l-Italja ressqet lill-Kummissjoni dokumentazzjoni li turi konformità mal-kondizzjonijiet kollha li hemm imsemmija fl-Aness A (II)(7) tad-Direttiva 64/432/KEE, u b'mod partikolari juri li, ikkalkulat fil-31 ta' Diċembru ta' kull sena, iktar minn 99.8 % tal-merħla tal-bovini tar-Reġjun ta' Emilja-Romanja huma uffiċjalment ħielsa mill-bruċellosi tal-bovini għal ta' l-inqas fl-aħħar ħames snin konsekuttivi u li kull animal bovin hu identifikat skond il-leġislazzjoni tal-Kommunità.

(2) Dan ir-Reġjun għandu jkun għalhekk iddikjarat uffiċjalment ħieles mill-bruċellosi skond id-Direttiva 64/432/KEE.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/466/KE [3], kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni 2002/588/KE [4], għandha għalhekk tkun emendata kif suppost.

(4) Dawn il-miżuri msemmija f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti fuq il-Food Chains u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness II mad-Deċiżjoni 1999/466/KE hu mibdul bit-test li hemm fl-Anness ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Dan id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, fl-10 ta' Marzu 2003.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU C 121, tad-29.7.1964, p. 1977/64.
[2] ĠU L 179, tad-9.7.2002, p. 13.
[3] ĠU L 181, tas-16.7.1999, p. 34.
[4] ĠU L 187, tas-16.7.2002, p. 52.

L-ANNESS

"L-ANNESS II

REĠJUNI TA' STATI MEMBRI DDIKJARATI UFFIĊJALMENT LI HUMA ĦIELSA MILL-BRUĊELLOSI TAL-BOVINI

Gran Brittanja (ir-Renju Unit)

Provinċja ta' Bolzano (l-Italja)

Reġjun ta' Emilja Romanja (l-Italja)

il-Gżejjer ta' Pico, Graciosa, Flores u Corvo (Reġjuni Awtonomi ta' Azores, Portugall)."